**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Numru: 59/2012 MLF**

**Saviour Caruana**

**vs**

**GasanMamo Insurance Limited**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-avviz tal-attur fejn talab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' sitt elef disa' mija, tmienja u tmenin euro (€6988) rapprezentanti l-kumpens dovut minnha lill-attur b'konsegwenza tas-serq u hruq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ROB 809, proprjeta` tal-attur u assigurata mas-socjeta` konvenuta taht il-polza numru 42448-0265638, liema serq okkorra fit-22 ta' April 2010.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri interpellatorji datati 20 ta' April 2011 u 14 ta' Dicembru 2011 kontra s-socjeta` konvenuta.

**2.** Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha eccepiet:

**3.** Illi preliminarjament jigi rilevat illi hemm lok ghal korrezzjoni fl-avviz promotur, u dana stante illi s-socjeta` intimata qatt ma harget xi polza assikurattiva bin-numru "M103916" fil-konfront tar-rikorrent u / jew tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ROB 809, u kwindi u sakemm issir tali korrezzjoni is-socjeta` intimata ma hijiex il-legittima kontradittrici u ghandha ghalhekk tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

**4.** Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dana stante illi r-rikorrent naqas milli jzomm lis-socjeta` intimata, bhala s-socjeta` assikuratrici tieghu, f'relazzjoni *in uberrimae fides* kif kellu l-obbligu illi jaghmel qua assikurat, u dana peress illi naqas milli jinforma lill-istess socjeta` b'fatt materjali (*"a material fact"*); u kwindi l-polza assikurattiva in kwistjoni giet ivvizzjata u reza nulla bejn il-partijiet – u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

**5.** Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Mejju 2012, fejn laqghet it-talba tal-attur ghall-korrezzjoni tar-rikors promotur, billi n-numru tal-polza indikat bħala "M103916" jiġi kanċellat u sostitwit bin-numru "42448-0265638".[1]

**6.** Rat li fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012, is-socjeta` konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni fir-risposta taghha. [2]

**7.** Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

**8.** Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**9.** Ikkunsidrat:

---

[1] Ara fol. 9 tal-process.
[2] Ara l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Gunju 2012 a *fol.* 10 tal-process

**Il-Fatti**

**10.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

**11.** L-attur xtara karozza tal-marka Toyota Tercel bin-numru tar-registrazzjoni ROB 809, u talab lis-socjeta` konvenuta sabiex tohroglu polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* li tkopri kemm lilu u kif ukoll lil ibnu Dustin Caruana. Ghal dan il-ghan, wara li wiegeb ghal numru ta' mistoqsijiet kontenuti fil-*Proposal Form* tas-socjeta` konvenuta, l-attur kien iffirma dan id-dokument fl-1 ta' Gunju 2006.[3]

**12.** Sussegwentement b'effett mill-1 ta' Lulju 2007, fuq talba tal-attur it-tip ta' kopertura kienet giet mibdula minn wahda *comprehensive* ghal *third party full, fire and theft*.[4] Din il-polza ta' assikurazzjoni baqghet tigi mgedda minn sena ghal ohra, u dan billi s-socjeta` konvenuta kienet tibghat Avviz ta' Tigdid lill-attur, li da parti tieghu kien jaghmel il-hlas relattiv indikat mis-socjeta` konvenuta. L-ahhar tigdid sar f'Lulju tas-sena 2009 u kien ikopri l-vettura sal-ahhar ta' Gunju 2010.

**13.** Nhar il-21 ta' April 2010 tard bil-lejl, Dustin Caruana ipparkja din il-vettura gewwa Triq Anton Buttigieg il-Hamrun, u meta mar lura fis-sieghat bikrin tal-ghada fil-ghodu, cioe` nhar it-22 ta' April 2010, ma sabx il-karozza pparkjata fl-istess post fejn kien halliha. Peress li l-karozza baqghet ma nstabitx, sar rapport mal-pulizija. Iktar tard filghodu, l-attur gie nfurmat mill-pulizija li l-vettura kienet instabet mahruqa x-Xghajra, limiti ta' Haz-Zabbar.

**14.** Infethet inkjesta *in* genere, u l-Magistrat Inkwerenti innomina diversi esperti.[5] Fir-relazzjoni tieghu ipprezentata fl-atti ta' din l-inkjesta, l-espert tekniku Joseph Zammit ikkonkluda li:

**15.** il-vettura giet sgassata fuq il-bieba tan-naha tax-xufier u giet sgassata wkoll is-sistema tal-*ignition switch* sabiex il-magna setghet tigi startjata u tinstaq;

---

[3] Ara l-Proposal Form immarkata bhala Dok GMI 1 a *fol.* 22 tal-process
[4] Ara l-Motor Insurance – Change in Cover Form immarkata bhala Dok GMI 3 a *fol.* 26 tal-process
[5] Ara l-Proces-Verbal a *fol.* 16 tal-process.

**16.** in-nar gie kkagunat dolozament bl-uzu abbundanti ta' likwidu flammabli;

**17.** il-vettura giet distrutta ghal kollox u l-valur taghha dak iz-zmien kien ta' €6,988.12.[6]

**18.** Il-persuna jew persuni li wettqu dan ir-reat baqghu mhux maghrufa.[7]

**19.** L-attur fetah *claim* mas-socjeta` konvenuta li da parti taghha talbitu diversi dokumenti fosthom il-kondotta tal-pulizija tieghu u ta' ibnu Dustin Caruana. Mill-kondotta tal-pulizija ta' Dustin Caruana jirrizulta li fl-14 ta' Lulju 2008 iben l-attur kien instab hati ta' reati kriminali relatati ma' pussess u traffikar tad-droga.

**20.** Minhabba dan il-fatt, is-socjeta` konvenuta irrifjutat li thallas is-somma mitluba mill-attur stante li s-socjeta` konvenuta tikkontendi li l-attur kien naqas milli jinformaha b'dan il-fatt materjali li kellu effett fuq ir-riskju.[8]

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**21.** Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, s-socjeta` konvenuta tikkontendi li t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda peress li l-attur naqas milli jzommha f'relazzjoni ta' *uberrimae fides* meta naqas milli jinformaha b'fatt materjali u cioe` illi ibnu kien instab hati ta' reati kriminali relatati ma' pussess u traffikar tad-droga. Is-socjeta` konvenuta tinsisti li dan il-fatt kellu jigi zvelat lilha ghaliex kien jinfluwixxi fuq id-decizjoni taghha jekk taccettax ir-riskju, u ghalhekk dan in-nuqqas da parti tal-attur ivvizzja l-polza in kwistjoni li giet reza nulla bejn il-partijiet.

**22.** Min-naha l-ohra, l-attur mhuwiex qieghed jikkontesta l-fatt li huwa ma kienx informa lis-socjeta` konvenuta b'dan izda jikkontendi li fl-ewwel lok, mid-dokumenti forniti lilu mis-socjeta` konvenuta, persuna ragjonevoli ma tistax tasal biex tahseb li l-kundanna ta' ibnu tikkwalifika bhala informazzjoni li huwa kellu jghaddi lis-socjeta` konvenuta. Fit-tieni lok, l-attur jinsisti illi fi kwalunkwe kaz dan il-fatt ma jbiddilx ir-riskju assunt mis-socjeta` konvenuta.

---

[6] Ara r-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit a *fol.* 48 tal-process
[7] Ara x-xhieda tal-Ispettur Joseph Agius a *fol.* 36 tal-process.
[8] Ara x-xhieda ta' Max Borg Bonello a *fol.* 75 tal-process.

**23.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c.** deciza fl-14 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell spjegat in-natura tal-kuntratt ta' assikurazzjoni b'dan il-mod:

**24.** *"Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjeta` assikuratrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li dan jsofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-socjeta` assikuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta` assikuratrici. ... ...*

**25.** *Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-obbligazzjoni tiddipendi minn grajja ta' bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (Art. 1053 (I), Kodici Civili). Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab l-hrug tal-polza. Dana billi b'dak il-mod biss is-socjeta` assikuratrici tista' issir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex taghzel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabilixxi "premium" adegwat. Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' uberrima fides hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni billi, kif gie ritenut minn Lord Scrutton fil-kaz "Greenhill v Federal Insurance Co. (1927): "Now insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that this position be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he is not taken as knowing, so that the contract may be entered into on an equal footing." Infatti kif gie ritenut fil-kaz "Pickersgill v London & Prov. Marine" (1912): "The duty to make a full disclosure proceeds from an implied term in the contract precedent to the insurers liability."*

**26.** Il-principju li l-kuntratt ta’ assikurazzjoni huwa kuntratt *uberrimae fidei* gie ribadit f’diversi sentenzi tal-Qrati taghna in materja fejn gie kostantement ritenut illi huwa dmir tal-assikurat li jaghti l-informazzjoni dwar kull fatt materjali marbut mat-tip ta’ assikurazzjoni li jkun qed jitlob u dan peress li min ikun qieghed johrog il-kopertura qieghed jassumi r-riskju ghab-bazi ta’ dik l-informazzjoni. Mill-banda l-ohra gie wkoll ritenut li d-dover ta’ *bona fide* huwa impost fuq iz-zewg nahat u s-socjeta` assikuratrici ma ghandhiex tinqeda bi skuzi frivoli biex tahrab mir-responsabbilita` taghha. F’dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Chetcuti vs Citadel Insurance p.l.c.** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[9] nhar il-15 ta’ Frar 2006 inghad illi:

**27.** *“Fuq dawn is-senjalazzjonijiet kollha din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kuncett ta’ l-“uberrimae fidei” f’kuntratti ta’ assikurazzjonijiet ma ghandux jitrasmoda la f’interpretazzjoni indiskriminata u lanqas f’oneru zejjed fuq l-assigurat, b’mod li kull skuza tissarraf f’rezistenza biex l-assigurazzjoni tevita li tonora claim meta din tirrizulta, fil-fattispeci partikulari, li tkun gustifikata.”*

**28.** Is-sub-inciz 5 tal-Artikolu 10 tal-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur Ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni (Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta) jaghti definizzjoni ta’ fatt sostanzjali bhala fatt *“ta’ xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta’ assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju, u, f’dan il-kaz, b’liema premium u taht liema kondizzjonijiet”*.

**29.** Fil-kaz odjern, jirrizulta illi l-*proposal form* kienet tikkontjeni domanda specifika jekk l-attur jew kull persuna indikata minnu bhala xufier kienx instab hati “*of any motoring or criminal offence*”. Ghal Qorti din id-domanda tfisser li ghas-socjeta` konvenuta il-fatt li fil-konfront ta’ xi wiehed mis-sewwieqa jkunux qeghdin jittiehdu proceduri kriminali jew jekk ikunx hemm fil-konfront ta’ dak is-sewwieq kundanna ta’ natura kriminali, kienet informazzjoni rilevanti sabiex twassalha ghad-decizjoni taghha dwar jekk ghandhix tiehu r-riskju u jekk taghzel li tiehu dak ir-riskju taht liema kundizzjonijiet. Ma huwiex kontestat li l-informazzjoni moghtija mill-attur fl-1 ta’ Gunju 2006 meta giet mimlija l-*proposal form* kienet wahda korretta, ghaliex sa dak iz-zmien il-fatti li wasslu ghas-sentenza tal-14 ta’ Lulju 2008 fil-konfront ta’ iben l-attur

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras

kienu ghadhom ma sehhewx. Ghalhekk il-kwistjoni li din il-Qorti ghandha tiddetermina hija jekk l-informazzjoni li l-attur naqas milli jaghti lis-socjeta` konvenuta meta giet imgedda il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni fl-2009 tikkostitwixxix fatt materjali (jew sostanzjali) li jirrendi nulla l-polza in kwistjoni.

**30.** Il-Qorti tqis li sabiex fatt jista' jigi ikkunsidrat bhala wiehed sostanzjali, dan ghandu fl-ewwel lok ikun fatt li l-assikurat bhala persuna ordinarja jkun kapaci jirrikonoxxih bhala tali, ghaliex fin-nuqqas is-socjeta` assikuratrici titqieghed f'posizzjoni fejn kull skuza tista' sservi sabiex tahrab mill-obbligi taghha. Fis-sentenza **Joseph Muscat vs Joseph Gasan et** deciza fis-6 ta' Ottubru 1999, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

**31.** *"Fil-fehma ta' din il-Qorti allura, kemm il-persuna assigurata kif ukoll is-socjeta` assiguratrici kellhom l-obbligu mhux biss li jagixxu bl-aqwa bona fidi fil-konfront ta' xulxin, imma wkoll l-obbligu li qabel ma jigi konkluz il-kuntratt ta' assigurazzjoni jaccertaw ruhhom minn dawk l-elementi ta' fatt li kienu rilevanti u materjali u li kienu jiddeterminaw il-volonta` taghhom li jikkonkludhu. U daqs kemm kien indubbjament obbligat l-assigurat li jizvela dawk il-fatti lill-assiguratur taht piena ta' rexissjoni ta' kuntratt, daqstant iehor l-assiguratur kien obbligat li jitlob minn ghandu dik l-informazzjoni fuq fatti li fil-fehma tieghu kienu rilevanti u materjali. Certament kellha ssir attenzjoni partikolari illi l-assigurat fil-mili tal-proposal form ma jigix zvijat, anke jekk involontarjment b'domandi li jitolbu informazzjoni li kienet ovvjament relatata u materjali, imma li jonqsu li jitolbu fuq l-istess materja, informazzjoni ohra li s-socjeta` assiguratrici apparentament kienet ukoll qed tqis li kienet rilevanti u materjali. F'dawn ic-cirkostanzi, l-assigurat gustament jista' jirreklama li hu kien gie zvijat propjru bil-mod kif ikunu gew lilu impost d-domandi. Ma kienx allura gust illi s-socjeta` assiguratrici konvenuta tiehu f'sitwazzjoni ta' din ix-xorta vantagg indebitu proprju min-nuqqas taghha."*

**32.** F'dan il-kaz huwa minnu li meta kienet inharget il-polza fl-2006, l-attur kien gie mistoqsi numru ta' domandi u giet mimlija l-*proposal form* bir-risposti tieghu, inkluz dik dwar proceduri ta' natura kriminali. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fatt wahdu ma jwassalx awtomatikament ghall-konkluzjoni illi l-attur naqas li jizvela fatt sostanzjali, meta naqas milli jaggorna lis-socjeta` konvenuta bil-fatt li t-tifel tieghu instab hati ta' pussess u traffikar ta' droga.

**33.** Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi fil-25 ta' Gunju 2007, l-attur qaleb il-kopertura tat-tip tal-assigurazzjoni tieghu minn wahda tat-tip *comprehensive* ghal wahda tat-tip *third party, fire and theft.* Dan il-qlib fit-tip ta' kopertura tal-assigurazzjoni jammonta ghal kuntratt gdid bejn il-partijiet, anke ghaliex ir-riskju li qed tassumi is-socjeta` konvenuta kien inqas, u fl-istess hin, il-*premium* li ried jithallas mill-attur kien inqas ukoll. Il-*proposal form* li mela l-attur biex ibiddel il-kopertura tal-assigurazzjoni tieghu ma kien fiha l-ebda domanda dwar kundanni mill-qrati kriminali ta' xi tip, ghalkemm kien fiha domanda dwar jekk kellux incidenti stradali, jew *motoring claims* l-ahhar hames (5) snin. L-ahhar tal-formola jinghad is-segwenti *"You are reminded of the need to disclose any facts which the insurer would take into account in the assessment and acceptance of this proposal. If you have any doubts as to whether certain facts are relevant, please ask us or your Insurance Adviser. Failure to disclose all relevant facts may invalidate your policy or may result in your policy not operating fully."*[10]

**34.** Fit-tieni lok, it-termini u l-kondizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni jghidu *inter alia* hekk:

**35.** *"Changes we need to know about*

*Please let us immediately know if you become aware of any changes to your circumstances which may affect this insurance or any material facts. Such facts could include but are not limited to a change to the persons to be insured, <u>motoring convictions of any of the persons to be insured</u> or a change of use to the vehicle or modification to the vehicle."*[11] (sottolinear ta' din il-Qorti).

**36.** Huwa veru li din il-klawsola taghti biss ezempji u mhix ezawrjenti, pero` l-uzu tal-frazi *"motor convictions"* awtomatikament jeskludi f'mohh bniedem ordinarju kundanni fuq reati ohra, inkluz kundanni ghal traffikar tad-droga.

**37.** Fit-tielet lok, kif irrileva l-abbli difensur tal-attur fit-trattazzjoni orali, is-socjeta` konvenuta ma pprezentatx il-kopja tal-original tal-Avviz tat-Tigdid li gie iffirmat f'Gunju 2009, li hi qed tallega li huwa ivvizzjat, imma pprezentat biss *sample* ta' dan

---

[10] Ara fol. 26 tal-process.

[11] Ara Dok MBB4 a fol. 96 tal-process, u x-xhieda ta' Max Borg Bonello a fol. 80 tal-process tal-process.

l-Avviz tat-Tigdid, li huma jghidu li tal-Avviz tat-Tigdid li gie ivvizzjat, u allura jista' jigi argumentat li din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' affarijiet li ma humiex in atti.

**38.** Pero, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha temmen ix-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta li l-Avviz tat-Tigdid bhas-*sample* ezebit minnhom gie iffirmat mill-attur, dan l-Avviz tat-Tigdid jghid *inter alia "We recommend that you … … 2. advise us of any change in the risk."*[12] Meta x-xhud Max Borg Bonello, deputy manager fil-motor claims department tas-socjeta` konvenuta gie mistoqsi in kontro-ezami x'inhuma dawn ic-*"changes in the risk",* huwa ma kienx jaf jispjegaha, u spicca qal *"Li ovvjament jista' jaffettwa r-riskju. Ma nistax nirrisponi ghaliha jiena fis-sens li mhux jiena, m'inhix l-underwriter jiena. Jigifieri ma nafx huma fuq liema kriterji huma jinxurjaw in-nies u fuq liema kriterji jirrifjutaw."*[13] M'hemmx dubbju li din il-frazi fl-Avviz tat-Tigdid hija vaga hafna, u jekk lanqas ufficjal gholi tas-socjeta` konvenuta ma seta' jispjega ezatt xi tfisser il-frazi *"changes in the risk",* din il-Qorti ma tistax tippretendi li bniedem ordinarju jifhimha.

**39.** Fir-raba' lok, sabiex fatt jitqies bhala wiehed sostanzjali ghandu jkun ta' gravita` tali li kien iwassal lill-assiguratur prudenti li ma jiehux ir-riskju jew li jiehu r-riskju b'kondizzjonijiet differenti. F'dan ir-rigward, Hubert Said *Deputy Manager* fi hdan is-socjeta` konvenuta xehed illi kieku s-socjeta` konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt li iben l-attur kien instab hati tar-reati in kwistjoni, il-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tigi mgedda bl-istess termini u kundizzjonijiet li kienu jigu accettati precedentement. Huwa spjega li f'kazijiet bhal dawn, is-socjeta` konvenuta jew tirrifjuta li tohrog il-polza jew inkella tillimita l-polza ghal minimu rikjest mill-ligi u cioe` wahda li tkun tkopri biss lil terzi, u mhux ukoll tkopri l-vettura f'kazijiet ta' serq u hruq.[14]

**40.** Madankollu, minn dak li jirrizulta mill-atti processwali din il-Qorti ma hijiex konvinta li din l-affermazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta wahedha tammonta ghal prova determinanti li assikuratur prudenti kien ser jirrifjuta li jgedded il-polza jew li

[12] Ara fol. 119 tal-process.
[13] Ara xhieda ta' Max Borg Bonello a fol. 80 tal-process.
[14] Ara x-xhieda ta' Hubert Said a *fol.* 110 tal-process

kien ser jimponi kundizzjonijiet differenti minn dawk kontenuti fil-polza mertu tal-kawza. Din hija allegazzjoni li saret mis-socjeta` konvenuta u ghalhekk kien jinkombi fuqha l-oneru sabiex tippruvaha. Fil-fehma tal-Qorti, dikjarazzjoni wahedha maghmula mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta ma tissodisfax il-grad tal-prova mehtieg sabiex jigi determinat il-mod kif seta' jagixxi assikuratur prudenti f'cirkostanzi simili. Dan qieghed jinghad ghaliex dik id-dikjarazzjoni mhijiex prova indipendenti mill-partijiet, izda wahda soggettiva maghmula minn rapprezentant ta' assikurazzjoni li hija parti fil-kawza, u li ghalhekk ghandha interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz hija mankanti l-prova li munit b'dik l-informazzjoni, assikuratur prudenti kien ragjonevolment jasal ghal decizjoni differenti.

**41.** Inoltre, mill-atti lanqas jirrizulta li s-serq u l-hruq tal-vettura *de quo* kien b'xi mod relatat mal-kundanna li kien hemm fil-konfront ta' iben l-attur. L-espert tekniku Joseph Zammit mahtur fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali ikkonkluda li l-vettura kienet giet sgassata, filwaqt li l-ispettur investigattiv ikkonferma li l-persuna jew persuni li wettqu dan ir-reat baqghu mhux identifikati.

**42.** Ghalhekk tenut kont tal-fattispeci partikulari ta' dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ghal hlas tal-attur hija wahda gustifikata.

**43.** Ghaldaqstant, ghalkemm l-attur naqas milli jinforma lis-socjeta` konvenuta bil-kundanna li kien hemm fil-konfront ta' ibnu, dan in-nuqqas ma jirrendix null il-kuntratt ta' assigurazzjoni bejn il-partijiet.

**44.** Konsegwentement, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

**45.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, stante li din giet irtirata;

2. Tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

3. Konsegwentement tilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt elef disa' mija, tmienja u tmenin Ewro (€6,988).

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittri interpellatorji datati 20 ta' April 2011 u 14 ta' Dicembru 2011 ghandhom jigu subiti mis-socjeta` konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**